MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2003

Numru 381/2003

Il-Pulizija
(Sp Marthese Micallef)
vs
Fiona Balzan, bint Saviour Abela,
imwielda l-Imtarfa fit-22 ta'
diċembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli bejn il-15 ta' jannar, 1999 u l-20 ta' jannar, 2001 fil-fond 'Kampanella Confectionery', Triq il-Kampanella, Fgura bħala detentriċi tal-imsemmi fond jew bħala l-persuna li għandha f'idejha l-imsemmi fond, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. ikkomettiet serq ta' kurrent elettriku li jammonta għal iżjed minn Lm50 u anqas minn Lm1,000 (Lm618.82,5)

għad-dannu tal-Koporazzjoni Enemalta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;
2. għamlet ħsara jew kissret parti minn meter tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu
jew xi parti minn xi apparat jew is-siġilli tagħhom jew gumni wżati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom, liema ħsara tammonta għal Lm10.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ġunju, 2003 fejn ir-rappresentant tal-korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li ntlaħaq ftehim ma l-imputata u ma għandhomx aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------